# IT-TIELET ĦADD
# JUM IL-KELMA TA' ALLA
# "IFEJJAQ KULL XORT TA' MARD"

***Daħla:*** Ngħidu grazzi kbira lill-Mulej li sejħilna f'daru llum. Sejħilna biex iwasslilna aħbarijiet tajbin lilna li ninsabu mtaqqlin u mħabbtin. F'Ġesù nsibu l-imwiegħed Salvatur, Tabib u Ħellies. Fih twettqu l-wegħdiet u l-profeziji. Ġesù ġie u se jerġa' jżurna llum stess biex ifejjaq kull xorta ta' mard u dgħufija minn fostna. Minna jistenna biss il-fidi fih u l-indiema. Dan it-Tielet Ħadd ġie magħżul minn Papa Franġisku biex nagħtu iktar importanza lill-Bibbja u għalhekk se jibda jkun meqjus bħala Jum il-Kelma ta' Alla. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Il-Messija mwiegħed hu Ġesù. Hu d-Dawl tal-Missier li bih ferraħ lil dawk li salva.

***Responsorju tas-Salm:*** **Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi**

***It-Tieni Qari:*** Kull nhar ta' Ħadd fit-tieni qari se nisimgħu siltiet minn din l-ittra lill-Korintin. Kienu nies bħalna, bi problemi bħal tagħna. Għalhekk jagħmlilna tajjeb li nkunu attenti u nagħtu widen sew.

***Offertorju:*** *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Is-Salmista qalilna biex nittamaw fil-Mulej. Noffru minn qalbna dawn l-offerti b'ringrazzjament. Waqt din l-offerta nkantaw...

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Ejjew niftħu qalbna għal Ġesù li ġej ifejjaq lilna li nammettu li għandna bżonnu.. Inkantaw....

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Fis-Salm għidna li ħaġa waħda nfittxu: li ngħammru fid-dar tal-Mulej biex nitgħaxxqu bih. Ngħidu (JEW) inkantaw...

***Kant tal-Għeluq...***